MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Numru 8/2002

Il-Pulizija
(Spettur Antonello Grech)

-vs-

**Anthony Buttigieg** ta’ 45 sena bin Carmel u Joan nee’ Tabone imwieled Victoria fil-24 ta’ Settembru 1956 u residenti 25, Triq Ghajn Qatet, Victoria, Ghawdex
Karta ta’ l-Identita’ numru 50256(G)

Illum 29 ta’ Novembru 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli f’data mhix maghrufa matul ix-xahar ta’ Awissu jew Settembru 2001 f’Marsalforn, Ghawdex ikkommetta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Gloria Lauri Lucente liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna u bil-lok.

Ukoll talli fis-17 ta' Frar 2002 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'Ghawdex xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali tat-13 ta' Mejju 2002 li permezz tieghu baghat l-atti biex jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Rat illi fil-mori tal-kawza l-imputat hallas id-danni kollha pretizi mid-derubat.

Issibu hati.

Rat l-Art. 261(c)(d)(e), 267, 268, 269, 279(b), 280, 281, 334, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Tillibera lill-imputat taht il-provvedimenti ta' l-Artiklu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------